# It-toroq ta' madwar Triq Buqexrem

Malcolm Schembri

Is-sena l-oħra, fil-pubblikazzjoni li toħroġ l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura, kont ktibt fuq Triq Buqexrem. Illum se nikteb dwar toroq oħrajn fil-Fgura li jinsabu fil-madwar ta' Triq Buqexrem.

## Triq it-Tagħlim, Triq il-Kitba u Triq l-Iskola

Bir-raġun li jkun hemm toroq imsemmijin għat-tagħlim, il-kitba u l-iskola għax fil-viċinanzi ta' dawn it-toroq tinsab l-iskola Primarja tal-lokal. L-iskola Primarja tal-Fgura A u B, li huma parti mill-Kulleġġ San Tumas, jinsabu fi Triq il-Kitba, għax hemm il-gradi (gates) minn fejn jidħlu u joħorġu l-istudenti.





Imma dan mhux minn dejjem kien hekk. Fil-bidu tat-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor, meta kont nattendi jien f'din l-iskola, kulħadd kien jidħol mill-grada l-qadima, sakemm imbagħad saret il-grada l-ġdida fi Triq is-Sur, li għadha teżisti sal-lum. Però jien bqajt dejjem nidħol u noħroġ mill-grada l-qadima kemm domt f'din l-iskola li tinsab, u għadha teżisti, fi Triq il-Karmnu. Fl-iskola lħaqt ukoll il-bini l-ġdid tat-tieni sular, peress li f'dak il-perjodu, jiġifieri fil-



*Fejn jidhru s-siġriet, kienet l-entratura, dik li aħna konna nsejħulha l-grada l-ġdida ta' Triq is-Sur*

*Il-beġġ tal-iskola Primarja B. Saret għall-ħabta tal-1985. Illum mgħadhiex tintuża peress li l-iskola Primarja saret Kulleġġ ma' skejjel oħra*

bidu tat-tmeninijiet tas-seklu l-ieħor, il-popolazzjoni bdiet tiżdied (aħseb u ara llum!). Niftakar li f'din l-iskola qattajt sitt snin minn ħajti, mill-Ewwel sas-Sitt Sena. Niftakar ġrajjiet u episodji mill-ħajja skolastika, kemm tas-Surmastrijiet, tal-għalliema u l-istudenti, imma hawnhekk mhux l-għan ta' din il-kitba.

## Triq il-Karmnu

Triq oħra fil-viċinanzi hija Triq il-Karmnu. Impossibbli li fil-Fgura ma jkunx hemm toroq imsemmijin għall-Madonna tal-Karmnu, fejn il-Parroċċa hija ddedikata kif ukoll issir il-festa tagħha fit-tieni Ħadd ta' Lulju. Sa ftit żmien ilu, f'din it-triq kien hemm l-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Però issa din is-sena, l-uffiċini marru fi Triq Hompesch, f'binja akbar u iktar aċċessibbli għall-pubbliku.

## Triq is-Sur

Din it-triq hija pjuttost twila li twassal min-naħa għall-oħra tal-Fgura u ġiet imsemmija hekk peress li faċċata tagħha, inti u nieżel u taqbad triqtek lejn Bormla, jinkixfu s-swar li jdawru lill-Belt Cospicua.



*Is-swar li jdawru lil Bormla u kif toħroġ minn Triq is-Sur tara dawn is-swar għoljin*

## Triq tal-Klerku

Meta kont iżgħar, kont naħseb li kien hemm żball fl-isem tat-triq u kont naħseb ukoll li kien jisimha "Kleru", imma "Klerku" ngħid li hu l-isem it-tajjeb. Però ma sibtx informazzjoni dwar xi tfisser klerku.



*Triq l-Għarnuq*



*Triq Venewwa*

## Triq il-Pitirross, Triq Summiena, Triq ir-Rużell, Triq il-Kuluvert, Triq il-Falkunier, Triq l-Għarnuq, Triq Venewwa, Triq il-Velleran

Dawn it-toroq huma msemmija għall-għasafar. Dawn kollha jinsabu fil-viċinanzi ta' Triq il-Buqexrem peress li l-vjaġġ tiegħi bdejtu minn din it-triq. Xi darba, ir-raħal tal-Fgura kien kollu għelieqi u l-għasafar żgur kienu jpassu u jgħaddu minn hawn. Illum storja oħra u bini biss issib. Tal-inqas fadal l-isem tat-triq biex tfakkarna f'diversi tipi t'għasafar li kienu jgħaddu mill-Fgura.

## Triq Giacomo Matteotti



*Giacomo Matteotti Politiku Taljan*

Fil-qosor, se nagħti ftit informazzjoni fuqu, għalkemm ma nafx x'inhi r-rabta tiegħu mal-Fgura, li iktarx ma teżistix imma t-triq ġiet imsemmija għalih. Matteotti twieled fit-22 ta' Mejju 1885 u miet fl-10 ta' Ġunju 1924. Kien politiku Taljan bi twemmin Soċjalista. Nhar it-30 ta' Mejju 1924, tkellem fil-Parlament Taljan fejn allega li l-Faxxisti Taljani għamlu frodi fl-elezzjonijiet li kienu saru. Ħdax-il jum wara, kien maħtuf u maqtul mill-Faxxisti.

## Triq Mahatma Gandhi



*Mahatma Gandhi Persuna Straordinarja*

Eżattament ma nafx fuq liema kriterji ssemmiet triq għalih fil-Fgura, iżda Gandhi kien persuna straordinarja li, bis-sempliċità tiegħu, ġab it-tibdil meħtieġ u l-Indipendenza lill-Indja mill-ħakma kolonjali Ingliża. Ismu proprju huwa Mohandas Karamchand Gandhi. Twieled fit-2 t'Ottubru 1869 u miet fit-30 ta' Jannar 1948. Ħafna nies, inkluż jien, nafuh bħala Mahatma Gandhi u anki l-poplu Indjan kien jirrikonoxxih b'dan l-isem għax jitqies bħala "persuna kbira". Persuni jiġu minnu u li ġew warajh spiċċaw bl-istess destin tiegħu għax spiċċa miet billi sparawlu. Miet għall-imħabba ta' pajjiżu u ġab l-Indipendenza fl-Indja mingħajr m'uża l-vjolenza.

## Triq Antonio u Maria Cumbo




*Triq Antonio u Maria Cumbo*

Dawn kienu l-benefatturi tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu u għalhekk bix-xieraq li ssemmiet triq għalihom - Benefatturi Antonio (1898-1968) u Maria Cumbo (1896-1963). Huma kienu taw b'rigal il-vara tal-Madonna tal-Karmnu. Fis-26 ta' Novembru 1950 sar it-trasport solenni ta' din il-vara l-antika tal-Madonna tal-Karmnu mill-Knisja l-Qadima għall-Knisja l-Ġdida li kienet għadha kif inbniet.



*L-ewwel statwa l-antika tal-Madonna tal-Karmnu li ħarġet mill-Knisja l-Qadima għall-Knisja l-ġdida*

(Ara http://www.fguraparish.org/storja/storja.htm aċċessata fl-10 ta' Ġunju 2019)

## Triq l-Erbatax ta' Diċembru 1945

Il-Komunità tal-Patrijiet Karmelitani marret fil-Fgura fl-14 ta' Diċembru 1945. L-ewwel Patrijiet kienu Patri Tarċisju Licari, Patri Redent Gauci, Patri Ġwann Caruana u Fra Romeo Bezzina, li dak iż-żmien, meta ġew il-Fgura, la kellhom Kunvent u

*L-ewwel Patrijiet li marru fil-Fgura fl-14 ta' Diċembru 1945*



lanqas Knisja. Għalhekk fil-bidu, kellhom jikru dar bħala Kunvent.

(Ara http://www.fguraparish.org/storja/storja.htm aċċessata fl-10 ta' Ġunju 2019)

Darb'oħra nkompli nikteb fuq iktar toroq li nsibu fil-Fgura. Hemm minnhom li għandhom rabta mal-post, filwaqt li hemm oħrajn li ma naħsibx li kien il-kas. Imma dawn l-ismijiet tat-toroq, ilkoll flimkien, jagħtu identità lil dan il-post. Filwaqt li nirringrazzja lil Jonathan Camilleri tal-interess tiegħu, fejn stedinni biex nikteb f'din il-pubblikazzjoni, nieħu l-opportunità li nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd. Din il-festa ġġeddidli ħafna memorji tal-passat.

## Referenzi


Ritratti meħudin minn http://www.fguraparish.org/storja/storja.htm tal-ewwel Patrijiet fil-Fgura kif ukoll tal-istatwa l-antika tal-Madonna tal-Karmnu.

Ritratti tal-iskola Primarja meħudin minn fuq il-paġna ta' Facebook tal-Ex Fgura Primary School (Students & Teachers).

Ritratti oħra meħudin minn Google u Wikipedia.






